MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 590/2002/1

**Alfred Attard**

**v.**

**Carmel Grima**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-attur Alfred Attard u appell incidentali mill-konvenut Carmel Grima minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-25 ta’ April 2008 li ddecidiet billi laqghet it-talbiet tal-attur, iddikjarat lill-

konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh fit-8 ta' April, 1999, u li fih wegga' u sofra dizabilita' permanenti l-attur, u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur in linea ta' danni s-somma totali ta' €30,354.06 (tletin elf, tliet mija u erbgha u hamsin Ewro u sitt Ewro centezmi) ekwivalenti ghal Lm13,031, bl-imghax legali ta' 8% mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Ghal intendiment ahjar ta' dawn l-appelli, il-Qorti qeghda tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

"Il-Qorti:

"Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-23 ta' Mejju, 2002, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

"Fit-8 ta' April, 1999 filwaqt li l-attur kien qieghed gewwa Deep Water Quay, Shed 1, Marsa, huwa gie milqut u mtajjar minn *forklifter* misjuq mill-konvenut, ghal-liema incident kien unikament responsabbli l-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

"F'dan l-incident, l-attur sofra danni kbar fuq il-persuna tieghu u sofra dizabilita` permanenti.

"Konsegwenza ta' dan l-incident l-attur sofra danni ohra inkluz *lucrum cessans* u *damnum emergens*.

"Il-konvenut interpellat permezz ta' ittra ufficjali tad-19 ta' Frar, 2001 sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni minnu hekk kagunati rrifjuta kwalunkwe responsabbilita` ghall-incident *de quo* permezz ta' ittra ufficjali tal-5 ta' Marzu, 2001 u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

"Talab lil konvenut jghid il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident *de quo* tat-8 ta' April, 1999 u

ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-konvenut inkluz dizabilita` permanenti fuq il-persuna tieghu, *damnum emergens* u *lucrum cessans.*

“2. Tillikwida d-danni konsegwenzjali kollha subiti mill-attur okkorrendo b’nomina ta’ periti nominandi.

“3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati.
“Bl-imghax legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta’ Frar, 2001 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. It-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident *de quo* mhux responsabbli l-konvenut izda huwa responsabbli l-attur innifsu;

“2. Salv eccezzjonijiet ohra.

“Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

“Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

“Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tas-17 ta’ Jannar, 2003 li in forza tieghu gie mahtur bhala perit mediku, Mr. Charles Grixti, sabiex jezamina lill-attur u jirrelata dwar il-grad ta’ dizabilita` o meno tal-istess attur;

“Rat ir-rapport ipprezentat mill-perit mediku fid-29 ta’ April, 2003 u minnu mahluf fl-udjenza tad-19 ta’ April, 2005.

“Rat ukoll r-rapporti medici pprezentati u mahlufa minn Mr. Charles Swain u Dr. Pasqual Demajo li gew mahtura minn din il-Qorti bhala esperti medici biex jirrelataw dwar aspetti partikolari tad-danni allegati mill-attur;

“Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

“Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

“Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

“Ikkunsidrat;

“Iz-zewg partijiet jahdmu bhala *stevedore* fix-xatt u huma parti mill-Port Workers Scheme; dawn il-haddiema mhux impjegati u jahdmu ghar-rashom. Huma jahdmu skond il-htigijiet tal-port u jithallsu skond ix-xoghol skond rati stabbiliti u skond ix-xoghol rikjest minnhom. In-natura tax-xoghol taghhom huwa li jghabbu u jhottu l-merkanzija ghal fuq u minn abbord vapuri li jsorgu fil-Port il-Kbir ta’ Malta. Kif inghad, il-haddiema mhux impjegati u kull persuna twiegeb ghal ghemilha.

“F’dan il-kaz, l-attur, li jagixxi ta’ *foreman*, kien qed jissorvelja hatt ta’ merkanzija minn fuq vapur waqt li l-konvenut kien qed isuq *forklifter* u jgorr il-merkanzija li l-gang tal-attur inixxlu ghal fuq ix-xatt u johodha fl-imhazen. Il-merkanzija kienet tikkonsisti f’rombli ta’ vireg ta’ hadid li jintuzaw lokalment ghar-*reinfors* tas-soqfa tal-konkos. Xoghol l-attur kien fuq il-vapur, jaghti istruzzjonijiet ghal hatt tal-merkanzija u jqassam ix-xoghol. F’hin minnhom, htieglu jinzel fuq l-art u baqa’ jsegwi x-xoghol mill-art. Huh, Anthony Attard, li kien qed jahdem mal-istess gang tal-attur, illarga jixtri xi bibita ghalih u ghal huh. Waqt li dan Anthony Attard kien gej lura mill-hanut, ra lill-konvenut isuq il-*forklifter* fid-direzzjoni ta’ huh, li kellu daru lejn l-istess *forklifter*. Dan Anthony Attard kien linja ma’ huh u l-*forklifter*. Meta ra dan, huwa nduna li s-sewwieq tal-*forklifter* ma kienx qed jara lil huh quddiemu peress li kellu tghabbija ta’ merkanzija fuq il-frieken li ma halliehx jara quddiemu. Dan Anthony Attard beda jghajjat lid-*driver* tal-*forklifter* biex jieqaf u gera ghal warajh; gara, pero`, li d-*driver* ma semghux u baqa’ jsuq ghal go l-attur. Id-*driver* tal-*forklifter*, il-konvenut, ma waqafx mad-daqqa, u baqa’ jkaxkar lill-attur bil-vettura tieghu ghal ftit metri. Meta hu l-attur lahaq lill-konvenut, dan waqaf, gholla l-frieken, nizel minn fuq il-*forklifter*, u dar dawra ma’ l-attur; skond hu l-attur, il-konvenut, dak il-hin, irrimarka li ma

kienx rah lill-attur. L-attur sofra griehi kbar b'rizultat ta' dan l-incident, tant li kien anke f'periklu li jitlef hajtu. L-attur kellu ticrita kbira f'saqajh ix-xellugija li kienet tistendi mill-irkoppa sal-ghaksa; fuq is-sieq l-ohra kellu ticrita ohra fuq ix-xhin u ksur fin-naha tal-lemin fl-ghadma l-kbira tal-koxxa. Kellu ukoll ksur ta' zewgt irkiekel tad-dahar, partikolarment tat-T li tirreferi ghal Torassic; kellu wkoll ksur ta' zewg kustilji. Il-Professur Apap Bologna gie mqabbad mill-attur biex ihejji rapport u jiggradja l-percentagg tad-dizabilita` permanenti tal-attur, u hareg b'figura ta' 45%. L-espert mediku nominat mill-Qorti rrelata li, fl-opinjoni tieghu, l-attur qed isofri minn dizabilita` permanenti ta' 15%.

"Ghar-rigward ir-responsabbilita` tal-incident, jirrizulta li l-incident sehh waqt li l-konvenut kien qed isuq il-*forklifter* 'il quddiem, izda meta kellu l-vizzjoni tieghu ostakolata bil-merkanzija li kien qed igorr fuq il-frieken. Minhabba dan, il-konvenut ma rax lill-attur quddiemu u spicca laqtu. Il-Qorti ssib li l-konvenut kien negligenti meta saq il-*forklifter* 'il quddiem meta kellu l-vizwali tieghu, ftit jew wisq ostakolata. Il-konvenut kien qed isuq 'il quddiem u jhares billi jinklina daqqa lejn ix-xellug u daqqa lejn il-lemin tieghu sabiex jara x'hemm quddiemu. B'dan il-mod, pero`, qatt ma kellu vizzjoni cara u kompleta ta' dak li kellu quddiemu, u, kif inhu maghruf, *forklifter* mhux gugarell u f'idejn persuna li ma thaddmux mid-debita attenzjoni, jista' jkun arma li kapaci taghmel hafna hsara. Hadd m'ghandu jkun preuzuntuz u juri kunfidenza ma' din it-tip ta' vettura, u l-prudenza fis-sewqan ghandha tkun wahda kontinwa u regolari.

"Meta l-*forklifter*, ikun mghobbi b'merkanzija li ftit jew wisq tostakola l-vizzwali tad-*driver*, dan ghandu jew jitlob assistenza jew isuq il-*forklifter* b'lura, bid-*driver* jaghti daru lill-merkanzija u wiccu fid-direzzjoni fejn ikun qed isuq. Forsi hija aktar komda li ssuq *forklifter* bil-quddiem, izda l-htigijiet tas-sigurta u s-sahha m'ghandhom qatt icedu ghal kumdita`. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-Pulizija v. Pisani", deciza fis-17 ta' Settembru, 1957, fil-kuntest tal-obbligu ta' min ihaddem li jassigura li kull parti mit-*'transmission machinery'* trid ikollha ripar

tajjeb, *"Huwa guridikament irrilevanti jekk ripar ikunx kummercjalment pratikabbli jew ikunx mekkanikament impossibbli"*, ghax l-uzu ta' makkinarju minghajr ripar huwa, f'kull cirkustanza projbit (ara wkoll "Cioffi v. Ellul noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-5 ta' Gunju, 1990).

"B'oggett quddiem wicc dak li jkun li ttellef il-vizwali fid-direzzjoni ta' fejn ikun qed ihares id-*driver* (direttament quddiemu jew taht il-livell tal-linja tal-vizwali), dak li jkun ikun qed jittanta l-periklu, u dan peress li kwalunkwe *area* li d-*driver* ma jkunx jista' jara direttament (minghajr ma jinklina gismu jew imejjel rasu), jista' jkun lok ta' incident. Persuna m'ghandhiex issuq *forklifter* jekk ma tkunx f'pozizzjoni li, minn pozizzjoni wahda, ikollha vizzwali cara u totali ta' dak kollu li jkun qed jigri quddiemha.

"L-Awtorita` ghas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol, konxja bil-periklu li jiggenera sewqan bl-addocc ta' *forklifter*, fl-2003 hareg *guidelines* ghall-uzu tal-*forklifter*, u fost dawn il-*guidelines* insibu li, min qed isuq *forklifter* m'ghandu QATT, "issuq bit-taghbija mghollija" jew "issuq b'taghbija li ma thallikx tara fejn sejjer. Jekk dan mhux possibbli ghandu jkun hemm *assistant* li jiggwidak". F'dan il-kaz, il-konvenut ma hax din il-prekawzjoni u ha l-briga li jsuq *forklifter* meta ma kellux vizzjoni totali ta' dak li kien hemm quddiemu.

"Mix-xhieda ta' hu l-attur, jidher li l-attur kien *in plain view* ta' min kien qed isuq il-forklifter, kieku dan wera d-debita attenzjoni fis-sewqan. Hu l-attur kien wara l-*forklifter* u nduna li dan kien qed isuq ghal fuq l-attur, u kif lill-attur ratu din il-persuna, kien jarah ukoll il-konvenut kieku kien kawt fis-sewqan tieghu. Anke kieku l-attur kien wara *blind corner* (kif allegat fir-rapport tal-Pulizija), il-konvenut ma kellux jaqbad u jdur kantuniera minghajr ma jassigura ruhu dwar x'hemm wara l-kantuniera. L-istess *guidelines* imsemmija aktar qabel jissugerixxu li *driver* ghandu idoqq il-horn f'kantunieri u quddiem bibien, u li ghandu *"dejjem ihares 'il fejn ikun qed isuq"*. Ma jidhirx li l-konvenut segwa din il-procedura, u jekk sab lill-attur wara kantuniera, wera negligenza kbira meta kiser il-kantuniera

u firex minn wara kantuniera minghajr ma accerta ruhu li l-via kienet libera. Il-konvenut kellu, f'kull hin, ikun jaf it-triq quddiemu kienitx libera jew le, u ma jibqax isuq jew idur kantunieri qabel ma jkun jaf li jista' jibqa' ghaddej bil-liberta` kollha u bla perikolu. Jekk il-konvenut kien se jimmanuvra kantuniera, kellu l-ewwel jibqa' ghaddej ghad-dritt biex ikun jista' jhares direttament lejn il-lemin u x-xellug tieghu, u mbaghad, jekk it-triq tkun libera, idur u jkompli jsuq ghal triqtu; jekk ma jistax jaghmel din il-manuvra, ghandu jitlob assistenza.

"Taht kull aspett, allura, il-konvenut huwa hati ta' sewqan imprudenti u ghandu jitqies responsabbli ghal incident li fih wegga' l-attur.

"Ghar-rigward tal-quantum tad-danni, b'riferenza partikolari ghal *lucrum cessans*, jirrizulta li d-dhul tal-attur mix-Xatt kien ta' madwar Lm5,500 fis-sena. Minhabba l-incident, l-attur waqaf jahdem u, fil-fatt, jidher li mhux fi stat li jkompli jahdem. Id-dhul tieghu, bhala *foreman*, max-Xatt kien mistenni li jizdied maz-zmien, ghalkemm jistghu jinholqu cirkustanzi godda li ma jiggarantux aktar ix-xoghol lill-haddiema membri tal-Port Workers Scheme. Ghalhekk, il-Qorti thoss li d-dhul ghandu, bhala *average*, ikun ikkalkulat li jwassal ghal Lm6,500 fis-sena, mil-liema somma m'ghandu jsir ebda tnaqqis, la minhabba it-Taxxa fuq l-Income (ara "Muscat v. Schembri", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar, 1972) u lanqas minhabba hlasijiet tal-PAYE jew ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurta` nazzjonali (ara "Caruana v. Farrugia", deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru, 1983).

"Dwar il-figura tal-*multiplier*, jirrizulta li l-attur kellu 62 meta sehh l-incident, u kwindi, meta tqis ic-*"chances and changes of life"*, li ghandhom dejjem jittiehdu in konsiderazzjoni minhabba l-inprevedibilita` u l-kontingenzi tal-hajja futura, il-figura adoperata ghandha tkun ta' 8 (ara, bhala applikazzjoni ta' dan il-principju, il-kawza "Caruana v. Camilleri", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004). Il-fatt li l-attur hu ragel anzjan, ma jfissirx li ghandu jitqies li l-*multiplier* ghandha tkun dejjem figura baxxa, ghax jibqa' l-fatt li l-potenzjal tieghu ghax-xoghol

kien hemm u dan intilef komplettament minhabba d-dizabilita` li garrab (ara, fil-kuntest, il-kawza "Galea et v. Fenech et", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta' Marzu, 2004, fejn fir-rigward ta' mara ta' 61 li, qabel l-incident, kienet attiva fuq xoghol differenti, intuza multiplier ta' 12). F'dan il-kaz, ma jirrizultax, pero`, li l-attur kellu aspettativa ta' hajja lavorattiva twila.

"Ghar-rigward tad-dizabilita` li sofra l-attur, il-perit mediku li ha in konsiderazzjoni l-griehi kollha li sofra l-attur, inkluz l-i*skin grafts* li sarulu fuq saqajh ix-xellugija, wasal ghal konkluzzjoni li l-attur ibati minn dizabilita` permanenti ta' 15%. Il-Qorti thoss li ghandha zzid fuq dan il-percentagg fid-dawl tar-rapporti pprezentati minn Mr. Charles Swain u Dr. Pascal A. Demajo. Hi pero` ma tarax li ghandha taghmel ezercizzju matematiku u semplicement tghodd flimkien il-varji percentaggi li taw id-diversi esperti, u dan peress li meta tigi biex tikkomputa d-dizabilita' totali, din id-dizabilita` trid tigi kunsidrata in relazzjoni ghal persuna bhala entita` fizika wahda, minghajr ma jigi prezunt li multiplicita` ta' feriti jigu komputati komplessivament biex jirriflettu il-percentagg reali tad-dizabilita` li wiehed ikun sofra minnhom. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Degiorgio v. De Crema", deciza fit-28 ta' Jannar, 2004, *"dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacita` f'sens purament mediku, izda l-effetti illi l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tad-danneggjat".*

"Kwindi l-kumpens dovut lill-attur ghandu jigi kkalkulat hekk:

"Lm6,500 x 8 x 20% = Lm10,400

"Peress li l-hlas sejjer isir f'daqqa, ghandha titnaqqas mis-somma 14% ghal *lump sum payment*, mehud in konsiderazzjoni li l-incident sehh fl-1999.

"Ghalhekk, bhala kumpens ghal *lucrum cessans* l-attur ghandha jinghata s-somma ta' Lm8,944.

"Ghar-rigward ta' refusjoni ta' spejjez inkorsi, l-attur qed jirriklama li, bhala *damnum emergens*, huwa jrid jinghata

lura s-somma ta' Lm 7,985. Din is-somma tinkludi pagament ta' Lm 5700 li l-attur ghamel biex xtara karozza gdida b'*automatic transmission*. Hu jghid li kellu jixtri din it-tip ta' karozza minhabba l-griehi li sofra fl-incident, u hallas biss dik is-somma wara li nghata sussidju mill-Gvern minhabba d-dizabilita` tieghu.

"Fuq din il-partita`, din il-Qorti ma jidhirlix li l-attur ghandu jigi rimborzat ghas-somma kollha li hu hallas, u dan peress li l-karozza se tkun tal-attur u sejjer igawdi minnha tul hajtu; jekk jigi biex ibiegha, hu jkun irid ihallas is-sussidju (ta' Lm1700) lura, pero`, il-bqija tar-rikavat izommu hu. Veru illi kieku ma kienx ghal incident, l-attur ma kellux ghalfejn jixtri karozza gdida (peress li gia` kellu wahda) u lanqas wahda b'*automatic transmission*, pero`, l-oggett mixtri se jibqa' ghandu ghal uzu tieghu. Il-Qorti, ghalhekk, tqis li l-attur ghandu, fic-cirkustanzi, jinghata lura biss parti minn nefqa, li din il-Qorti sejra tiddetermina f'ammont ta' Lm2500.

"Il-hlasijiet l-ohra reklamati jinkludu hlasijiet li l-attur ghamel lill-Avukat tieghu, li, pero`, m'ghandhomx jigu inkluzi taht dan il-kap, peress li l-ispejjez legali li l-attur ghandu dritt jiehu lura huma dawk li jigu indikati f'taxxa ufficjali li johrog ir-Registratur tal-Qorti wara s-sentenza, u dejjem skond id-decizjoni tal-Qorti. Kwindi s-somma ta' Lm178 rapprezentanti hlasijiet lill-Avukat tal-attur, mhux se tittiehed in konsiderazzjoni. Hekk ukoll il-hlas ta' Lm80 li sar lil perit mediku, Mr. Charles Grixti, soltu jigi kkunsidrat fit-taxxa ufficjali mahruga mir-Registratur u ma jitqiex bhala *damnum emergens*. Ghall-istess raguni, mill-pretenzjoni tal-attur, ghandha titnaqqas ukoll is-somma ta' Lm440 li hu ghadda lill-Avukat tieghu *"an account of Court registry expenses and fees"*.

"L-ispejjez l-ohra jidhru li huma gustifikati, inkluz il-Lm150 ghal kopja tal-process verbal. Mehud kont tat-tnaqqis indikat aktar qabel, l-ammont dovut lill-attur bhala *damnum emergens* huwa ta' Lm4087.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-attur, tiddikjara lill-konvenut

unikament responsabbli ghall-incident li sehh fit-8 ta' April, 1999, u li fih wegga' u sofra dizabilita` permanenti l-attur, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur, in linea ta' danni s-somma totali ta' €30,354.06 (tletin elf, tliet mija u erbgha u hamsin Ewro u sitt Ewro centezmi) ekwivalenti ghal Lm13,031, bl-imghax legali ta' 8% mil-lum sal-pagament effettiv.

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut."

**Appell tal-attur Alfred Attard**

L-appellant Attard hassu aggravat bid-decizjoni tal-ewwel Qorti u interpona appell minnha limitatament ghall-ammont likwidat bhala *lucrum cessans.*

Illi l-aggravji tal-appellant huma bazikament is-segwenti:-

1. L-ewwel Qorti kienet skorretta meta qalet li l-attur kellu 62 sena meta sehh l-incident billi fil-fatt hu kellu 59 sena (I.D.536639M) u dan kellu effett sfavorevoli ghalih fil-komputazzjoni tal-*multiplier* uzat mill-ewwel Qorti biex jigi stabbilit il-*lucrum cessans.*

2. Isegwi li l-*multiplier* ghandu jigi korrett u jkun ekwu u gust li l-*multiplier* f'dan il-kaz jigi stabbilit bhala 16 u cioe` minn 50 sa 75 sena.

3. Dwar it-tnaqqis minhabba l-*lump sum payment,* l-appellant isostni li l-ewwel Qorti ma tat l-ebda spjegazzjoni jew motivazzjoni ghaliex waslet ghal tnaqqis ta' 14% tenut kont li l-konvenut kien se jigi kkundannat ihallas wara 9 snin. Jikkontendi li l-kawza odjerna giet intavolata fit-2002 u s-sentenza appellata nghatat fis-sena 2008, u cioe` 6 snin wara, u ghalhekk hu indikat li t-tnaqqis minhabba pagament f'daqqa jkun ta' 8%.

**Risposta tal-konvenut Carmel Grima u appell incidentali.**

Il-konvenut ukoll hassu aggravat mis-sentenza surreferita izda mhux ghall-istess aggravju li qajjem l-attur appellant, liema aggravju qed jigi kkontestat, u ghalhekk flimkien mar-risposta tieghu, il-konvenut appellantipprezenta appell incidentali.

**Risposta tal-konvenut**

Dwar *multiplier,* ir-raguni li tat l-ewwel Qorti meta applikat aspettativa lavorattiva sa l-eta` ta’ sebghin (70) sena kienet li in vista tax-xoghol partikolari tal-attur, li kien xoghol manwali pjuttost iebes, il-Qorti ma kienitx tal-opinjoni li l-attur kellu aspettativa ta’ hajja lavorattiva hafna itwal. Rigward il-*lump sum deduction,* il-konvenut Grima jsostni li r-ragunament tal-ewwel Qorti kien gustifikat u m’ghandux jigi varjat. Il-Qorti ddikjarat li peress li l-hlas kien ser isir f’daqqa, ghandha titnaqqas mis-somma, 14% mehud in konsiderazzjoni li l-incident sehh fl-1999.

Il-konvenut issottometta wkoll li fir-rikors tal-appell tal-attur qed tintalab somma specifika ta’ Lm19,136 u l-ebda somma ohra; ghalhekk jekk jirrizulta li dik is-somma mhix gustifikata, l-Qorti jkollha bil-fors tichad dik it-talba.

**Appell incidentali**

Il-konvenut ressaq appell incidentali billi hassu aggravat bid-decizjoni tal-ewwel Qorti li cahdet l-eccezzjonijiet tieghu u sabitu unikament responsabbili ghall-incident. L-aggravju tal-konvenut f’dan ir-rigward huwa li l-ewwel Qorti injorat ghal kollox il-provi mressqa quddiemha li kienu juru, skond hu, bic-car li l-attur stess kien negligenti, liema negligenza kienet l-unika raguni ghalfejn sehh l-incident *de quo*. Il-konvenut jikkontendi li ghalkemm l-attur ma kienx qed isuq, xorta wahda huwa kien qed juza t-triq, u ghalhekk kellu jezercita diligenza u attenzjoni. L-incident sehh unikament ghax l-attur b’negligenza ma tax kaz x’kien qed jigri madwaru waqt li kien fit-triq, tant li anke ta dahru lejn it-triq u beda jkaxkar ktajjen minn fuq il-vettura tieghu lejn il-kantuniera minghajr lanqas jiccekkja x’qed jigri warajh. Inoltre, anke jekk ghall-grazzja tal-argument,

il-Qorti kellha ssib xi htija da parti tal-konvenut, certament ma hux gustifikat li t-tort kollu jiehdu l-konvenut in vista tan-negligenza kontributorja tal-attur.

Ghalhekk il-konvenut talab li din il-Qorti tichad l-appell principali tal-attur u minflok tilqa' l-appell incidentali tieghu u thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-ewwel Qorti, tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu, u fin-nuqqas li taghmel dan, thassar u tirrevoka d-decizjoni msemmija, tiddikjara li l-attur ukoll ikkontribwixxa ghall-incident fi grad li din il-Qorti tistabilixxi u tnaqqas l-ammont li talvolta jista' jkun dovut lill-attur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.

**Risposta tal-attur ghall-appell incidentali tal-konvenut**

L-attur wiegeb li fil-kaz odjern il-kawza prossima tal-incident kienet in-nuqqas ta' vizwali tajba li kellu l-konvenut hu u jsuq il-*forklifter* in kwistjoni kif ukoll li ma kienx qed izomm *'a proprer look out'* u dan peress illi l-konvenut ma rahx lill-attur qabel laqtu u kaxkru taht il-*forklifter*. L-attur ma ghamel ebda manuvra ghall-gharrieda li ssorprendiet lill-konvenut li permezz taghha hu jista' jiskolpa ruhu mill-akkadut.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**Fatti**

Il-kawza hi dwar incident li gara fit-8 ta' April 1999 gewwa d-Deep Water Quay, il-Marsa meta l-konvenut kien qed isuq *forklifter* igorr rombli tal-hadid u laqat lill-attur li kien fuq il-moll, u dan korra gravament.

**Appell Incidentali tal-konvenut**

**Responsabilita`**

Fl-appell incidentali tieghu l-konvenut qed jikkontesta l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti li sabitu unikament responsabbili ghall-akkadut. Dik il-Qorti kienet ikkonkludiet hekk: "Taht kull aspett, allura, il-konvenut huwa hati ta'

sewqan imprudenti u ghandu jitqies responsabbili ghal incident li fih wegga' l-attur".

Il-konvenut issottometta li l-ewwel Qorti injorat ghal kollox il-provi mressqa minnu, partikolarment ix-xhieda ta' Carmelo Mifsud, li kienet turi li l-attur stess kien negligenti stante li ma ta l-ebda attenzjoni ghal dak li kien qed jigri madwaru, u kien qed jigbed ktajjen minn fuq il-*landrover* tieghu ghal ma' l-art u jaghti dahru fid-direzzjoni minn fejn kien gej il-*forklifter.*

Dwar is-sewqan tal-konvenut, l-ewwel Qorti qalet li l-incident sehh waqt li l-konvenut kien qed isuq il-*forklifter* 'il quddiem, meta kellu l-vizwali tieghu ostakolata bil-merkanzija li kien qed igorr fuq il-frieket u minhabba f'hekk hu ma rax lill-attur quddiemu u spicca laqtu. Il-konvenut ma kienx qed ikollu vizwali cara u kompleta ta' dak li kellu quddiemu u lanqas talab assistenza biex jigi dirett fis-sewqan tieghu.

L-appellant isostni li avolja hu kellu l-hadid imdendel mal-frieket tal-*forklifter* hu xorta wahda kellu vizwali tajba ta' dak li qed jigri quddiemu. Il-hadid li kien qed igorr kien kwazi jmiss ma' l-art, ghalhekk quddiemu ma kellu xejn li jwaqqfu milli jara x'hemm quddiem il-*forklifter* u nonostante dan lil attur ma rahx. Il-konvenut ghamel referenza ghar-ritratti li hu esebixxa (ara fol. 113) biex jipprova dak li qed jghid.
Pero` skond ir-ritratt li hemm anness mar-rapport tal-espert tal-Qorti Dr. Mario Scerri (a fol. 215) ir-rombli fil-hin tal-incident kienu qeghdin maqlughin aktar mill-art milli hemm indikat fir-ritratt li esebixxa l-konvenut u li din il-Qorti qed timmarka bhala APP1 fil-busta a fol. 113. Dan kompla gie kkonfermat fir-rapport tal-espert l-iehor tal-Qorti, il-Perit Richard Aquilina, li rrelata li r-rombli kienu 80cm gholi mill-art (ara fol. 224 para. 7). Fil-konkluzjoni tieghu, l-imsemmi Perit jghid li s-*seat* tad-*driver* tal-*forklifter* kien f'gholi ta' 1.4 metri mill-art. Il-faqqani tal-parti solida tan-naha ta' quddiem tal-*forklifter* kien f'gholi ta' zewg metri u nofs u fuq din kien hemm parti forma ta' gradilja b'hadid vertikali li kien jasal sa 3.08 metri. Ghalhekk, jekk ma' l-gholi tas-*seat* tad-*driver* jizdied l-gholi

tal-linja vizwali tas-sewwieq, u cioe` circa 70 cm, il-linja vizwali tas-sewwieq tkun f'gholi ta' zewg metri u ghaxar centimetri mill-art. Dan juri li s-sewwieq ikun qieghed isuq waqt li jara quddiemu minn gol-gradilja tal-hadid. **Il-vizwali ta' quddiem il-forklifter hi pjuttost ristretta** (fol. 224).

Jirrizulta, ghalhekk, li kif qalet l-ewwel Qorti l-konvenut kien qed isuq il-*forklifter* meta hu kellu l-vizwali ostakolata u pjuttost ristretta. Dan l-ostakolu jaggrava ruhu aktar billi l-konvenut kien ser idur kantuniera u aktar, skond hu, f'*blind corner.* L-ostakolu fil-vizwali tas-sewwieq tidher car fir-ritratt APP2 a fol. 113.

Il-'*proper look out*' hija ferm aktar milli sewwieq ikun qed ihares il quddiem jew li jkollu vizwali cara izda s-sewwieq irid ikollu "*an awareness of his immediate vicinity*" u cioe` li s-sewwieq irid ikun jaf x'qed jigri madwaru u mhux semplicement ihares 'il quddiem b'mod cass jew isuq bil-mod (Ara wkoll **P. Spiteri v. R.Caruana** App 5/10/98; **Maria Vella Galea v. Oreste Sammut** App 5/10/98; **Dr. Remigio Zammit Pace v. C.Grima** App Inf. 16/5/97; **A Gatt v. M.Shephard** App Inf 7/5/98). Ghalhekk kull *driver* irid jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u cirkostanzi li jkun fihom, bhal ma huma l-hin tal-gurnata, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-istat tal-art, il-volum tat-traffiku u rapporti ohra kontingenti (Ara **Vol XLVI pI p112**). Fin-nuqqas ikollu jwiegeb ghall-imprudenza tieghu meta jsehh incident stradali.

Jirrizulta ghalhekk li minhabba n-nuqqas ta' vizwali tajba li kellu, l-konvenut kien qed isuq il-*forklifter* in kwistjoni minghajr ma kien qed izomm *'a proprer look out'*.

Il-konvenut appellant jillanja li l-ewwel Qorti naqset milli taghti importanza lill-fatt li l-incident sehh vicin hafna ta' kantuniera u li l-attur kien miexi b'lura lejn din l-istess kantuniera, b'rizultat li huwa ma setax jarah u laqtu.

Din is-sottomissjoni kienet gia` giet ezaminata mill-ewwel Qorti u li qalet li fil-fatt l-attur kien *in plain view* ta' min kien qed isuq il-*forklifter* u li kieku l-konvenut kien attent fis-

sewqan tieghu kien jarah, bhal ma kien rah hu l-attur li kien wara l-*forklifter*. Il-Qorti zieded tghid li anke kieku l-attur kien wara *blind corner* kif qed jallega l-konvenut, hu ma kellux jaqbad u jdur kantuniera minghajr ma jassigura ruhu dwar x'hemm wara l-kantuniera, jew almenu jdoqq il-*horn*.

Fl-aggravju tieghu basikament il-konvenut qed jerga' jirreperti l-istess ilment u jghid li hu ma rahx lill-attur, mhux ghax kellu l-vizwali ostakolata imma ghax l-attur hariglu minn wara l-kantuniera. Il-konvenut jibbaza din il-konvinzjoni fuq dak li xehed Carmel Mifsud, id-*driver* tad-trakk, li fuqu l-konvenut kien se jghabbi l-hadid. Dan qal li ra lil Alfred Attard  jigbed xi ktajjen minn fuq il-*landrover* ghal ma' l-art u sabiex jaghmel hekk Attard beda miexi b'lura lejn il-kantuniera tax-*shed* u ma kienx qed jara x'qed jigri warajh. Ikompli jghid li ra li Carmelo Grima ma setax jara lil Alfred Attard gej minn wara l-kantuniera b'dahru lejh u beda jghajjat sabiex jieqaf u dak il-hin Alfred Attard inqabad mal-*forklifter*. Din il-verzjoni pero` tikkontrasta sew ma' dak li l-istess xhud kien stqar fl-inkjesta li saret ezatt wara l-incident.  Hu kien qal li ra lil Attard jigbed xi ktajjen mil-Land Rover u f'daqqa u l-hin rah taht il-*forklifter*. Jghid hekk: "Jien bejn li rajtu jigbed il-ktajjen u bejn li rajthu taht il-*forklifter*, dawwart wicci fejn kont qed nahdem. Meta rajthu taht il-*forklifter* bdejt nghajjat "hu, hu, hu" lil tal-*forklifter*. Lil tal-*forklifter* rajtu miexi bih, pero` ma' l-art" (fol. 191).

Jigifieri fil-verzjoni li nghatat *a tempo vergine* Carmelo Mifsud l-aktar li qal li ra lil attur jaghmel kien li jigbed il-hadid mil-*landrover* u mhux li sejjer lura bla ma jhares ghal fuq il-*forklifter* kif xehed in segwitu fl-affidavit. Inoltre jirrizulta li hu ghajjat lis-sewwieq tal-*forklifter* wara li dan kien gia` laqat lil Attard u mhux qabel laqtu. Ghalhekk ma jirrizultax li l-attur kien qabad u hareg fit-trajettorja tal-*forklifter* ghal gharrieda minn wara l-kantuniera.

Il-konvenut fl-ebda mument ma ra lil attur qabel l-incident u kien induna biss li tajjar persuna meta nizel mill-*forklifter* biex jara x'gara. Ghalhekk dak li xehed il-konvenut li:

"Fil-kantuniera tat-tinda kien hemm il-*landrover* ipparkjata u kien hemm ktajjen ma' l-art dritti daqs li kieku Attard kien qed jigbidhom lura sabiex inizzilhom. Jidher li biex ghamel hekk huwa ta dahru lejn id-direzzjoni minn fejn kont gej jien u beda miexi lura u ma ndunax li dahal fit-triq tal-*forklifter*."

Dawn huma biss supposizzjonijiet u deduzzjonijiet *ex post facto* billi huwa fl-ebda mument ma rah lill-attur u ghalhekk ma setax jghid x'kien qed jaghmel l-attur qabel l-incident.

Min-naha l-ohra l-attur jghid li hu kien xi tliet metri 'l boghod mill-kantuniera u kien sejjer lejn il-*landrover* biex igib l-ghodda pero` ma kienx ghadu wasal u kien dak il-hin li sar l-incident. Daru kien lejn il-*forklifter* u ntlaqat minn wara. Waqt l-inkjesta hu xehed li kellu dahru lejn il-vapur, u kien il-barra mill-kantuniera, jikkalkola xi erba' piedi 'l boghod mill-kantuniera lejn ix-xifer tal-moll. Hu l-attur jikkonferma dak li qal l-attur u jghid li hu kien miexi mal-hajt tax-*shed* sejjer lejn huh li kien bi drittu, u ghadda l-*forklifter* min-naha tal-lemin tieghu, u baqa' sejjer fid-direzzjoni lejn it-tarf tax-*shed*. Lil tal-*forklifter* ghajjatlu "ara hemm ara hemm" pero` ma semghux u laqtu. Waqt l-inkjesta x-xhud qal li hu u t-tifel tieghu kienu sejrin fl-istess direzzjoni ta' fejn l-attur u rah il-*forklifter* jaghti d-daqqa lil huh bid-dritt u mhux waqt li kien qed idur.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti, l-incident gara tort tal-konvenut li kien qed isuq il-*forklifter* meta kellu l-vizwali ostakolata bit-tghabbija li kien qed igorr. Ma jirrizultax li l-attur hareg ghal gharrieda minn wara l-kantuniera imma kien fit-triq, maqluh il-barra mill-kantuniera, tant li anke huh seta' jarah qabel intlaqat mill-*forklifter*. Anke kieku l-attur kien wara l-kantuniera fejn il-*landrover* dan ma kienx jiskuza lill-konvenut billi hu kien obbligat ukoll li, qabel jimmanuvra kantuniera bil-vizwali ostakola, joqghod aktar attent u jsuq b'aktar kawtela, billi ma jafx x'ser isib, u kellu jipprocedi biss wara li jaghti indikazzjoni tal-presenza tieghu ez. bil-*horn,* u wara li jkun accerta ruhu li ma kienx ta perikolu ghalih u ghal utenti ohra tat-triq. Kif jipprovdi l-Motor Vehicle Regulations, Art. 59, u kif intqal fis-sentenza App. Krim **Pul v. B. Wise** fil-

kaz li persuna tkun ser iddur kantuniera hi ghanda *“to drive in such a manner as to have the car under control, and thus be able to avoid the road users and the dangers with which the taking of a corner is usually fraught”* (Vol 29 p4 p 573).

Aggravju iehor tal-konvenut huwa li anke jekk il-konvenut kellu xi tort mill-inqas  kien hemm kontribuzzjoni kbira da parti tal-attur.

Il-kwistjoni tar-responsabilita` tirrisolvi ruha fir-ricerka ta’ min fost il-kontendenti kkommetta l-att negligenti li minghajru ma kienx javvera ruhu l-incident. Fil-kaz in ezami l-incident gara tort unikament tal-konvenut billi s-sewqan tieghu kien l-element determinanti li pprovoka l-incident u li jista' jitqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut. L-incident gara minhabba n-nuqqas ta’ vizwali tajba li kellu l-konvenut hu u jsuq il-*forklifter,* minghajr ma kien qed izomm *‘a proprer look out’,* u minhabba b’hekk l-konvenut ma rahx lill-attur qabel laqtu u kaxkru taht il-*forklifter*. Ma giex pruvat li l-attur ghamel xi manuvra ghall-gharrieda li ssorprendiet lill-konvenut li permezz taghha l-istess attur jista’ jinsab li kkontribwixxa wkoll ghall-akkadut.

Ghalhekk l-appell incidentali qed jigi michud.

**Appell tal-attur**

L-attur appella mis-sentenza tal-ewwel Qorti b’zewg aggravji: l-aggravju dwar l-allegat zball tal-ewwel Qorti meta rriferiet ghall-eta` tal-appellant biex stabbiliet il-*multiplier* u t-tieni aggravju dwar it-tnaqqis li ghamlet l-ewwel Qorti ta’ 14% mis-somma in vista tal-pagament *lump sum.* Ma hemmx appell mid-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar il-kwantum tad-*damnum emergens* (Lm4087), dwar id-dhul tal-attur u dwar id-debilita` permanenti kif stabbilita.

L-ewwel aggravju tal-attur huwa gustifikat billi hu twieled fit-28 ta’ Lulju 1939 u ghalhekk fid-data tal-incident kellu 59. L-incident gara fit-8 ta’ April 1999 ghalhekk fi zmien

tliet xhur hu kien se jaghlaq 60 sena. Wara l-incident u meta ghalaq iz-zmien, l-attur ha l-pensjoni. L-ewwel Qorti deherilha li kellha tistabilixxi l-*multiplier* sa 70 sena, f'dan il-kaz, abbazi tal-konsiderazzjoni li bniedem, avolja ta' eta` avvanzata, xorta ghandu l-kapacita` li jahdem u din is-setgha ghandha wkoll valur ekonomiku. Jekk l-ewwel Qorti uzat id-diskrezzjoni taghha fil-kalkoli taghha, il-Qorti tal-Appell bhala regola ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni jekk mhux ghal motivi ta' certa gravita`. Fil-kaz in ezami din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tiddisturba dik id-diskrezzjoni u ghalhekk abbazi tal-istess ragunament tal-ewwel Qorti, din il-Qorti se zzid il-*multiplier* b'sentejn ghal 10 minflok 8, u dan unikament minhabba zball evidenti fl-eta` tal-attur.

Kwantu ghal aggravju l-iehor dwar il-*lump sum deduction* jinghad fil-kawza fl-ismijiet **Paul Xuereb noe v. Emanuel Xuereb pro et noe.** (P.A. (JSP) deciza fil-5 ta' Ottubru 1995) li: *"Fir-rigward tar-riduzzjoni ghal-'lump sum payment' il-Qorti, fl-iskorta ta' decizjonijiet ohra moghtija… jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghall-'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tliet snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u* <u>*jekk ikun ghadda dan il-perijodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data".*</u>

Fil-fehma ta' din il-Qorti billi li l-kawza odjerna giet intavolata fl-2002 u s-sentenza appellata nghatat fis-sena 2008 u cioe` wara 6 snin, it-tnaqqis minhabba pagament f'daqqa ghandu jkun ta' 8%.

Ghalhekk il-kumpens dovut lill-attur ghandu jigi kkalkulat b'dan il-mod:

**Lucrum Cessans**

Lm6,500 x 10 x 20% = Lm13,000
Tnaqqas 8% Lump sum = Lm1040
Total Lm11,960

**Damnum Emergens** Lm4087

**Total Danni Lm16,047 – Euro 37379.45**

Il-konvenut issottometta li la darba l-attur fir-rikors tal-appell tieghu talab somma specifika jekk jirrizulta li dik is-somma mhix gustifikata, u tirrizulta li hi dovuta somma ohra, l-Qorti jkollha bilfors tichad dik it-talba. Din il-Qorti izda ma taqbilx ma' dan ir-ragunament billi semmai l-attur ma kienx ikun jista' jinghata aktar milli talab u mhux inqas, billi *l-piu` comprende il meno*.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tichad l-appell incidentali tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-konvenut unikament responsabbili ghall-incident *de quo*; u tilqa' l-appell principali tal-attur u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn illikwidat id-*damnum emergens* fis-somma ta' €9,518.62 (Lm4,087), tirrevokaha fejn illikwidat il-*lucrum cessans* fl-ammont ta' €20,830.57 (Lm8,944) u minflok tillikwida l-*lucrum cessans* fis-somma ta' €27,859.31 (Lm11,960) u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas b'kollox lill-attur is-somma ta' €37,379.45 (tliet mija u tlieta u sebghin elf u disgha u sebghin Ewro u hamsa u erbghin Ewro centezmi). Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut. L-imghax jithallas kif indikat fis-sentenza appellata mid-data ta' dik is-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------